MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 1024/1974/1

Carmelo u Francesca mart Giuseppe Pulis, ahwa Grech
vs
Filomena mart Lawrence Rodo u Giuseppi ahwa Grech, u Lawrence Rodo u b'digriet tal-10 ta' Lulju 1980 l-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Carmen mart Lawrence Grima, Mario, Joan xebba u Margaret xebba ahwa Rodo, peress li fil-mori tal-kawza miet Lawrence Rodo

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ppremettew:

Illi fit-12 ta' Novembru 1967 kienet mietet Mary Grace Grech omm il-partijiet (Dok A) u fl-4 ta' Lulju 1974 kien miet Grazio Grech missier il-partijiet (Dok B) u b'testment taghhom ***unica charta*** fl-atti tan-Nutar Dottor John Micallef Trigona tat-18 ta' Marzu 1966 (Dok C) kienu ddisponew minn hwejjighom kif kien jidher fl-istess testment u kienu nnominaw eredi lill-erba' uliedhom ahwa

Grech, partijiet, izda mbaghad l-istess Grazio Grech meta kien armel, fl-24 ta’ Mejju 1968 kien ghamel testment iehor fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia (Dok D) li bih kien hassar jew ahjar kien immodifika parti mill-istess testment;

Illi sussegwentement l-istess Grazio Grech kien ittrasferixxa l-fond 125, Triq Santa Domenica, Zabbar b’titolu ta ***datio in solitum*** u bil-valur ta’ elf u mitejn lira (Lm1200) lill-konvenuti Lawrence u Filomena konjugi Rodo u kien irrenda b’dan il-mod ineffettiv l-imsemmija testmenti in kwantu kien fihom legati tal-istess dar, u dan il-kuntratt kien simulat.

L-atturi talbu lill-Qorti:

a) Tillikwida l-assi socjali konjugali tal-konjugi Grazio u Mary Grace Grech;

b) Taqsam l-assi hekk likwidati f’zewg porzjonijiet ugwali u assenjat kwantu ghal nofs lill-assi ta’ Mary Grace Grech u kwantu ghan-nofs l-iehor lill-assi ta’ Grazio Grech;

c) Tillikwida l-assi partikolari ta’ Mary Grace Grech li gie dikjarat li jikkonsistu fis-sostanzi li jirrizultaw;

d) Tillikwida l-assi partikolari ta’ Grazio Grech li gie dikjarat jikkonsistu fis-sentenzi li jirrizultaw b’dan li fl-istess likwidazzjoni jigi dikjarat u deciz li l-fond 125/126 Triq Santa Domenica, Zabbar kien u baqa’ tal-istess Grazio Grech in kwantu l-kuntratt fl-atti tan-nutar Maurice Gambin tat-18 ta’ Jannar 1970, li suppost ittrasferixxa dan il-fond lill-konvenuti Rodo kien kuntratt simulat bhala ***datio in solutum*** mentri kien fil-fatt donazzjoni projbita mil-ligi minhabba l-eta` tal-istess Grazio Grech;

e) Taqsam l-assi ta’ Mary Grace Grech kif likwidati bejn l-erba’ eredi taghha, bit-tnaqqis jekk hemm bzonn ta’ dawk id-dispozizzjonijiet tat-testment taghha li jaqbzu l-porzjon disponibbli;

f) Taqsam l-assi ta’ Grazio Grech kif likwidati bejn l-erba’ eredi tieghu bit-tnaqqis jekk hemm bzonn tad-

dispozizzjonijiet fiz-zewg testmenti li jaqbzu s-sehem li minnu l-istess Grazio Grech seta’ jiddisponi, bin-nomina ta’ Nutar biex jircievi l-att ta’ divizjoni u ta’ kuraturi biex jirrapprezentaw lill-kontumaci fuq l-att.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Lawrence u Filomena Rodo li biha eccepew:

Illi fl-ewwel lok il-konvenuti ma kienux opponew ruhhom ghall-ewwel tliet talbiet attrici, u cioe` ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-assi socjali konjugali ta’ Grazio u Mary Grace Grech.

Illi pero` r-raba’ talba mmarkata bl-ittra (d) fic-citazzjoni kienet bla bazi fil-fatt u fid-dritt kif kien ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk ma kien hemm ebda simulazzjoni ta’ kuntratt kif kien gie premess mill-atturi.

Illi t-talbiet l-ohrajn, jigifieri (e) u (f) kellhom jigu meqjusa fid-dawl tal-eccezzjonijiet hawn esposti u cioe` tal-validita` legali tal-att tat-trasferiment tat-18 ta’ Jannar 1970.

Illi kull ma kien jispetta lill-atturi huwa biss il-legittima kif di resto kkonstataw huma stess fl-ittra ufficjali taghhom tal-21 ta’ Ottubru 1974.

B’riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti Lawrence u Filomena Rodo.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-<u>atturi</u> li fiha ssemma li l-erba' partijiet ahwa Grech huma ulied il-mejtin Grazio u Mary Grech. Mary Grace Grech mietet fit-12 ta' Novembru 1967 u Grazio Grech miet fl-4 ta' Lulju 1974. Il-konjugi Grech kellhom testment ***unica charta*** fl-atti tan-Nutar John Micallef Trigona tat-18 ta' Marzu 1966, u fih hallew legat ta' fond kull wiehed lill-ahwa Grech konvenuti, u legat tal-fond 125/126 Triq Santa Domenika, Zabbar liz-zewg atturi. Il-fond li toqghod fih il-konvenuta Rodo thalla lilha u l-fond li joqghod fih il-konvenut Giuseppe Grech thalla lill-atturi. Wara l-mewt ta' martu Grazio Grech immodifika t-testment unica charta billi fil-legat tal-fond 125/126 Triq Santa Domenica, Zabbar dahhal ukoll lil bintu Salvina Pulis biex jikkumpensaha ghal kuri u servigi. Fit-18 ta' Jannar 1970 Grazio Grech ittrasferixxa lill-konvenuta Rodo l-fond 125/126 Triq Santa Domenika, Zabbar b'***datio in solitum*** fittizju biex jghatti d-donazzjoni, u b'hekk irrenda inoperattiv it-testment ***unica charta***. B'hekk il-konvenuti ahwa Grech hadu b'legat il-fondi mill-wirt tal-omm u l-konvenuti Rodo b'donazzjoni simulata bhala ***datio in solitum*** il-fond tal-missier waqt li l-atturi ma hadu xejn.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti <u>Lawrence u Filomena Rodo</u> li fiha ssemma li huma qatt ma opponew ghal-likwidazzjoni tal-assi konjugali ta' Grazio u Mary Grace Grech. Illi kienet insostenibbli r-raba' talba tal-atturi mmarkata (d) fic-citazzjoni ghaliex infondata fil-fatt u fid-dritt. It-talbiet l-ohrajn kellhom jigu meqjusa fid-dawl tal-validita` legali tal-att tat-trasferiment tat-18 ta' Lulju 1970. Kull ma jispetta lill-atturi hija legittima.

Rat id-digriet tal-21 ta' Mejju 1975 li bih gie nominat Dr. Joseph Ciappara bhala Perit Legali.

Rat ir-rapport ta' Dr. Joseph Ciappara li fih hemm is-segwenti kunsiderazzjonijiet, likwidazzjoni u divizjoni:

"19. Billi l-qofol tal-kawza hu l-kuntratt ta' ***datio in solitum*** li l-atturi jallegaw li kien simluat, jixraq li wiehed jezamina l-kwistjoni ***ut sic*** qabel jikkunsidra s-sitt talbiet maghmula mill-atturi.

20. Jirrizulta li Grazio Grech ghix mal-konvenuti Rodo ghall-perjodu ta' tmintax-il sena ***on and off*** (para 13), illi l-istess Rodo irrendewlu kuri, assistenza, servigi u alimenti certament mit-12 ta' Novembru 1967 (meta mietet martu Mary Grace) sal-4 ta' Lulju 1974 (meta miet hu), perjodu ta' hajtu Grazio Grech ghamilhom fis-sodod "pupletiku", idu u siequ tax-xellug paralizzati, jaghmel tahtu u jehtieg ghajnuna ghal kull ma jkollu bzonn.

21. Jirrizulta wkoll li biex il-konvenuti Rodo daru bl-istess Grazio Grech mhux biss inholqilhom inkonvenjent kbir izda kellhom jaghmlu wkoll diversi sagrificcji. B'mod partikolari (a) Lawrence Rodo kellu jaghmel sena servizz il-Libya wahdu meta seta' gie ***posted*** Cyprus bil-familja b'kollox; (b) Filomena Rodo korriet meta kienet tlett xhur tqila, incident li gie attribwit ghat-tqandil ta' missierha, ghalkemm seta' kien hemm fatturi ohrajn; (c) it-tifla l-kbira kellha tohrog mill-iskola.

22. Jirrizulta fuq kollox illi meta l-atturi gew avvicinati biex jaghtu daqqa t'id, huma irrifjutaw.

23. Kienet ghalhekk haga naturali li Grazio Grech ried jaghti kumpens lil min sabu sejf u tarka tieghu ghal zmien twil, u billi flus kontanti ma kellux ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur u sar li sar.

24. Veru li l-konvenut Rodo in kontro ezami qal li ma kien hemm l-ebda self ta' flus bejnu u l-kunjatu, izda l-esponent jidhirlu li d-debitu xorta wahda gie kostitwit, u ghalhekk ma jarax simulazzjoni fil-kuntratt tat-18 ta' Jannar, 1970.

<u>Likwidazzjoni u divizjoni:</u>

25. Fid-dawl ta' dan li ntqal u t-talbiet tal-atturi kif dedotti fic-citazzjoni (ma saritx talba ghal-legittima), jidher illi

(a) m’hemmx x’jigi likwidat bhala assi socjali konjugali tal-mizzewgin Grazio u Mary Grace Grech, liema assi kien jikkonsisti fil-fond 8-10-12 St. Teresa Street, Zabbar imholli bhala legat lill-konvenuti; inoltre, l-ghamara m’ghandhiex valur;
(b) m’hemmx x’jigi likwidat bhala assi partikolari ta’ Mary Grace Grech; xi deheb inqasam bejn l-ahwa;
(c) l-assi partikolari ta’ Grazio Grech jigi likwidat kif ser jinghad:

Attiv: Polka tad-deheb ta’ valur mhux determinat li tinsab ghand il-konvenut Rodo (para 11);

Passiv: Debitu ta’ elf lira (Lm1000) a favur il-konvenuti Rodo (para 6 iii);

Taxxa tas-successjoni li l-ammont taghha mhux maghruf u li, bhal ma gara dwar spejjez tal-funeral, wiehed ghandu jifhem li thallset mill-konvenuti Rodo.

26. In vista ta’ dawn ic-cirkostanzi l-ahhar zewg talbiet tal-atturi biex l-assi ta’ Mary Grace u Grazio Grech rispettivament jinqasam bejn erba’ ma jistghux jigu espletati.”

L-atturi ma qablux mas-sottomissjonijiet tal-Perit Legali Dr Joseph Ciappara [ara nota Dr Ugo MIfsud Bonnici fol 80-83]. Hemm baqa’ sostnut li l-kuntratt dwar il-fond 125, Sta Domenica Street Zabbar kien simulat bhala ***datio in solutum*** ghax gie sostnut li kien donazzjoni projbita. Gie kritikat ir-rapport minhabba li l-Perit Legali kien ikkonkluda li la darba l-konvenuti Rodo daru bil-mejjet, allovolja ma kienx hemm self ta’ flus bejniethom, id-debitu xorta wahda gie kostitwit, u dan minhabba li gie sostnut li setghu l-kawzali tad-***datio in solutum*** kienu dik ta’ debitu li origina minn servigi prestati. Izda l-kuntratt ma semmix servigi izda self, meta fil-fatt self ma kienx hemm skond l-istess konvenut Rodo. Sostnew sekondarjament li kien hemm vjolazzjoni tal-legittima li kien jinkombi fuq il-Perit li jikkonsidra dan l-aspett kif ukoll in-nuqqas tal-applikabilita’ tal-artikolu 630 (2) tal-Kodici Civili, minhabba li sostnew id-dekadenza mid-drittijiet ta’ Grazio Grech fuq l-assi ta’

martu Maria Grazia, b'mod li jekk stess huwa validu l-kuntratt tat-trasferiment ta' 125 St Domenica Strreet Zabbar, giet leza il-legittima ta' l-atturi ghax ma kienu sejrin jippercepixxu xejn mill-wirt tal-genituri taghhom. B'hekk tnejn mit-tfal spiccaw b'xejn mill-wirt taz-zewg genituri.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' April 1980 li bih gie nominat l-A.I.C. Lawrence Montebello biex jaghmel deskrizzjoni u valutazzjoni tal-fondi numri 8, 10 u 12, Triq Santa Teresa, Zabbar.

Rat ir-rapport tal-A.I.C. Lawrence Montebello li fih ghamel is-segwenti valutazzjoni:

"<u>VALUTAZZJONI</u>

L-esponent gie nfurmat mill-konvenut Lawrence Rodo, li fil-fond kienu saru diversi addizzjonijiet u modifikazzjonijiet a spejjes ta' Rodo stess, u dan qabel il-mewt ta' missier il-mara tieghu, Grazio Grech, fl-4 ta' Lulju 1974. Mill-mewt ta' Grazio Grech sal-lum kienu saru wkoll xi modifikazzjonijiet, pero` sar.

Kwalunkwe benefikati li setghu saru minn terzi, jaccedu mal-post u l-istima ghalhekk ghandha tkun bazata fuq kif kien jinsab il-fond fil-gurnata tal-mewt ta' Grazio Grech, salv id-dritt, jekk ikun il-kaz, tal-persuna li ghamlet l-ispejjez li titlob ir-refusjoni taghhom minghand l-eredi tal-mejjet.

Ghalhekk l-esponent, wara li ha in konsiderazzjoni dak kollu hawn fuq imsemmi, kif ukoll il-lokalita` u s-suq lokali prezenti, wasal biex jistma dan il-fond, kif jinsab illum, bhala liberu u frank, fis-somma ta' hamest elef u tmien mitt lira maltin (Lm5800).

Pero` billi din il-kawza tirrigwarda l-assi ereditarju ta' Grazio Grech, tista' tkun ta' interess ta' dina l-Onorabbli Qorti, il-valutazzjoni tal-istess fond fil-gurnata tal-mewt tal-istess Grazio Grech.

L-esponent, wara li ha in konsiderazzjoni l-prezzijiet ta' materjal u xoghol ta' kostruzzjoni fis-sena 1974, il-

prezzijiet tal-art u tal-bini fl-istess sena, l-isvalutazzjoni tal-Lira Maltija minn dak iz-zmien sal-lum, u wara li ha in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha li jistghu jinfluwixxu fuq din l-istima, wasal biex jistma l-valur ta' dan il-fond fl-1974 fis-somma ta' tlett elef u mitejn lira Maltin (Lm3200)."

Rat id-digriet tal-15 ta' Lulju 1981 li bih gie nominat l-A.I.C. Lawrence Montebello biex jaghmel deskrizzjoni u valutazzjoni tal-fond numru 125/126, Triq Santa Domenica, Zabbar.

Rat ir-rapport tal-A.I.C. Lawrence Montebello li fih ghamel is-segwenti valutazzjoni:

"<u>VALUTAZZJONI</u>

9. L-esponent wara li ha in konsiderazzjoni dak kollu hawn fuq imsemmi, kif ukoll il-lokalita`, u s-suq lokali prezenti, wasal biex jistma l-valur ta' dan il-fond kif jinsab illum bhala liberu u frank, fis-somma ta' elfejn u disa mitt lira Maltin (Lm2900).

10. Pero` billi din il-kawza tirrigwarda l-assi ereditarju ta' Grazio Grech, tista' tkun ta' interess ta' dina l-Onorabbli Qorti, il-valutazzjoni tal-istess fond fil-gurnata tal-mewt tal-istess Grazio Grech.

11. Ghalhekk l-esponent wara li ha in konsiderazzjoni l-prezzijiet ta' materjal u ta' xoghol ta' kostruzzjoni fis-sena 1974, il-prezzijiet tal-art u tal-bini fl-istess sena, l-isvalutazzjoni tal-Lira Maltija minn dak iz-zmien sal-lum, u wara li ha in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha li jistghu jinfluwixxu fuq din l-istima, wasal biex jistma l-valur ta' dan il-fond fl-1974 fis-somma ta' elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1600)."

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-13 ta' Marzu 1986 (fol 151 sa 153 tal-process).

Rat illi b'digriet tat-13 ta' Marzu 1986 il-Qorti rrimettiet il-process lill-A.I.C. Lawrence Montebello biex jirrevedi r-relazzjonijiet tieghu.

Rat ir-relazzjoni tal-A.I.C. Lawrence Montebello li fiha ghamel is-segwenti valutazzjoni:

“Valutazzjoni

L-esponent wara li ha in kunsiderazzjoni dak kollu hawn fuq imsemmi kif ukoll il-lokalita` u s-suq lokali prezenti, wasal biex jistma l-valur ta’ dawn il-fondi, kif jinsabu llum, bhala liberi u franki kif gej.

Il-fond numru 8/10, Triq Santa Tereza, Haz-Zabbar fis-somma ta’ erbat elef u tmien mitt lira maltin (Lm4800).

Il-fond numru 12, Triq Santa Tereza Haz-Zabbar fis-somma ta’ elfejn u erba’ mitt lira maltin (Lm2400).

Wara li l-esponent ha in konsiderazzjoni l-prezzijiet ta’ materjal u xoghol ta’ kostruzzjoni fis-sena 1974, il-prezzijiet ta’ l-art u tal-bini fl-istess sena, l-isvalutazzjoni tal-Lira Maltija minn dak iz-zmien sal-lum u wara li ha in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha li jistghu jinfluwixxu fuq din l-istima, wasal biex jistma l-valur ta’ dawn il-fondi fl-1974 kif gej.

Il-fond numru 8/10 Triq Santa Tereza, Haz-Zabbar, fis-somma ta’ elfejn sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm2650).

Il-fond numru 12, Triq Santa Tereza, Haz-Zabbar fis-somma ta’ elf tliet mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm1325).

Rigward il-fond numru 125/126, Triq Santa Domenika, Haz-Zabbar l-esponent kien diga ghamel il-valutazzjoni tieghu fir-relazzjoni prezentata fid-29 ta’ Marzu 1992 li tinsab fil-process a fol 97-101, u dan kien stmah elfejn u disa mitt lira (Lm2900) bhala liberu u frank. Il-valur tieghu llum liberu u frank l-esponent jistmah fis-somma ta’ tlett elef u tliet mitt lira Maltin (Lm3300). Il-valur tieghu llum kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta’ lira u sbatax-il centezmu (Lm1.17,0) l-esponent jistmah fis-somma ta’ tlett elet mitejn u tmenin lira maltin (Lm3280).

Wara li l-esponent ha in konsiderazzjoni l-prezzijiet ta’ materjal u xoghol ta’ kostruzzjoni fis-sena 1970 l-prezzijiet

tal-art u tal-bini fl-istess sena, l-isvalutazzjoni tal-Lira Maltija minn dak iz-zmien sal-lum, u wara li ha in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha li jistghu jinfluwixxu fuq din l-istima, wasal biex jistma l-valur ta’ dan il-fond, cioe`, in-numru 125/126, Triq Santa Domenika, Haz-Zabbar, fl-1970, fis-somma ta’ elf tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm1350).”

Semghet bil-gurament lill-konvenuta Filomena Rodo li qalet li ghal dak li jirrigwarda d-deheb tal-wirt hi ghandha biss il-polka, u ma ghandhiex oggetti ohra tad-deheb li jappartjenu lill-wirt. Ziedet tghid li kienet taf li t-tifla taghha ghandha labra tal-ingravata tad-deheb, u li binha Mario kellu curkett tad-deheb. Ma kenitx taf jekk hemmx oggetti ohra tad-deheb appartenenti lill-wirt ghand xi hadd iehor.

Rat illi fit-13 ta’ Marzu 1986 kien gie nominat is-Sur Sergio Zampa bhala Perit Tekniku biex jaghmel valutazzjoni tal-oggetti tad-deheb.

Semghet bil-gurament lill-Perit Tekniku Sergio Zampa li qal li l-affarijiet li ghamel stima taghhom kienu s-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| Polka tad-deheb | - 18 carat, uzin 36.60, | valur Lm164.70,0 |
| Brazzuletta | - 18 carat, uzin 25.10, | valur Lm112.95,0 |
| Curkett | - 18 carat, uzin 9.10, | valur Lm40.95,0 |
| Labra | - 18 carat, uzin 3.00, | valur Lm13.50,0 |
| | Total | Lm332.10 |

Zied jghid li l-istima tal-oggetti kienet bazata mhux biss fuq il-piz imma wkoll fuq il-lavur u l-manifattura.

Rat illi b’digriet tad-9 ta’ Lulju, 1999 Dr. Paul Gauci Maistre gie nominat mill-Qorti biex jirrispondi d-domandi li saru in eskussjoni ghar-rapport tal-Perit Legali precedenti Dr. Joseph Ciappara.

Rat id-domandi li saru mill-konsulent legali tal-atturi u r-risposti moghtija mill-Perit Legali Dr. Paul Gauci Maistre, u li qed jigu riprodotti hawn taht.
“DOMANDI IN ESKUSSJONI:

A. Jidhirlek li huwa legali u sewwa li wara li jmut konjugi, il-konjugi supersititi jbiegh il-laxxitu mholli lil tnejn mit-tfal lil tifla ohra, b'mod li tnejn mill-ulied ma jiehdu assolutament xejn mill-wirt taz-zewg genituri?

Risposta: Fil-paragrafu 24 pagna 9 fol 56 il-perit legali kkonkluda illi skond il-fehma tieghu ma jarax illi l-kuntratt tat-18 ta' Jannar 1970 kien simulat. Abbazi ta' din il-konkluzzjoni s-superstiti Grazio Grech legalment setgha jghamel li jrid bil-gid tieghu u jiddisponi minnu kif jidhirlu. Il-fond 125-126 St. Domenica Street Zabbar gie dikjarat bhala propjreta` assoluta ta' Grazio Grech u ma ngabet ebda prova li dan il-fond kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ghaldaqstant huwa legali dak li ghamel is-superstiti bil-gid tieghu. Jekk huwa sewwa jew le ma hemmx dubbju illi l-intenzjoni tal-genituri kif espressa fit-testment taghhom *unica carta* tat-18 ta' Marzu 1966, fol 7 sa 9, kienet illi l-erbat itfal jippartecipaw fil-gid li kellhom tal-komunjoni u dak parafernali. Hekk xtaqet l-omm Mary Grace Grech u zgur ma kienitx l-intenzjoni taghha li jippartecipaw mill-wirt taghha zewgt itfal biss. Imma c-cirkostanzi jitbiddlu kif jidher li gara. Grazio Grech deherlu li kellu jimxi bil-mod kif mexa. Skond l-artikolu *593(1),* (Qabel 630 (1)), jekk it-testatur li jibqa' haj jhassar it-testment kwantu ghall-assi tieghu sakemm it-testatur li jmut qabel ma jkunx iddispona mod iehor, jitlef kull jedd li kellu bis-sahha ta' dak it-testment unica carta fuq l-assi tat-testatur li jmut qabel li f'dan il-kaz jammonta ghall--usufrutt imholli lilu bis sahha tal-artikolu 3 tat-testment tat-18 ta' Marzu 1966.

B. Ma jidhirlekx li giet lesa l-legittima dovuta lill-atturi mill-assi ta' l-omm meta din kellha nofs mill-komunjoni ta' l-akkwisti li kellu l-fond 8, 10, 12, Triq Santa Teresa Zabbar li gew imhollija biss lill-konvenuti?

Risposta: Iva pero` ma saritx talba f'dan is-sens.

C. Ma jidhirlux appuntu li fejn fil-paragrafu 25 tar-relazzjoni fis-subparagrafu (A) qal li ma hemmx x'jigi

likwidat bhala assi socjali tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-genituri, huwa kien qieghed jaghmel dan ghaliex iz-zewg fondi tal-komunjoni thallew b'legat lill-konvenuti? Fl-umli sottomissjoni ta' l-esponenti l-legat ma jirrendix inesistenti l-assi socjali. Ma jidhirlux li dan kellu jigi likwidat u maqsum u nofs minnhom moghti lill-assi partikolari ta' l-omm, biex minnu jiehdu l-legittima taghhom (minn dak l-assi) l-atturi?

Risposta: L-esponent jaqbel illi l-perit legali wasal ghall-konkluzjoni tieghu kif espressa fil-paragrafu 25 (a) illi m'hemmx x'jigi likwidat bhala assi socjali tal-konugi Grech ghaliex iz-zewg fondi tal-komunjoni thallew b'legat. Jaqbel ukoll illi dawn il-fondi xorta baqghu jifformaw parti mill-komunjoni tal-patrmmonju tal-konjugi Grech. Kif inghad aktar il-fuq it-talbiet attrici ma sarux ghal legittima spettanti lihom mill-gid tal-omm u mill gid tal-missier. Il-premessa taghhom hija bbazata fuq il-fatt illi huma ppretendew illi l-kuntratt ta' *datio in solutum* li ghamel il-missier fl 4 la' Lulju 1974 kien simulat.

D. Ma jidhirlux il-perit legali li fl-assi tal-missier, meta jillikwidah, kellu jkun hemm barra minn-nofs tal-fondi ta' Triq Santa Teresa, anke l-fond moghti bit-taparsi *datio in solutum* lill-konvenuta Rodo?

Risposta: Le la darba gie stabbilit illi l-kuntratt in kwistjoni huwa validu. In oltre skond il-hames artikolu tat-testment tal-konjugi Grech. huma ezentaw lill-uliedhom mill-obbligu tal-kollazzjoni u minn kull xorta ta' imputazzjoni ta' dak kollu li tawhom jew setgha tahom u li ma jsiru ebda kontijiet bejn l-istess uliedhom ghal dak kollu li jkunu hadu jew gawdew fil-hajja tal-kontestaturi.

E. Ma jidhirlux li meta Lawrence Rodo jghid fix-xhieda tieghu in kontro-ezami "flus lil kunjatu ma slifnihx" (ara pagna 8 tal-verbali) u mbghad ghandhom kostituzzjoni ta' debitu fl-ammont ta' Lm2200 fis-sena 1970. Wiehed ghandu jikkunsidra din is-somma ghal servigi bhala esagerazzjoni kbira, specjalment meta

wiehed iqis li fis-sena 1968 (sentejn qabel) kien immodifika t-testment precedenti biex ihallas is-servigi ta’ Salvina Pulis bint Francesca?

Risposta: Kien jispetta lill-atturi biex jippruvaw dak li qed jallegaw. Il-perit legali kellu l-opprtunita` li jisma’ x-xhieda u zgur li huwa bbaza l-konkluzjonijiet tieghu fuq apprezzament ta’ fatti liema apprezzament fl-opinjoni tal-esponent ma ghandux jigi disturbat.

F. Ma jidhirlux li l-konkluzjoni jew in-nuqqas ta’ konkluzjoni tar-rapport tieghu tippremja l-qerq?

Risposta: Ma jirrizultax mill-provi prodotti l-allegazzjoni maghmula f’din id-domanda. Jekk l-atturi jidhirlhom xorta ohra setghu jipprocedu mod iehor.

G. Ma jidhirlux li jekk riedu jithallsu tas-servigi u huwa sewwa li jithallsu, il-konjugi Rodo kellhom jinvestu direttament din il-problema u mhux jiehdu t-totali tal-assijiet?

Risposta: Il-peril legali kkonkluda li l-kuntratt ta’ *datio in solutum* sar ghaliex kienet haga naturali ghal Grazio Grech li jaghti kumpens lil min sabu sejf u tarka tieghu ghal zmien twil u billi flus kontanti ma kellux ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur u sar li sar. Lawrence Rodo jghid illi qabel ma l-kunjatu ghazel li jaghmel il--kuntratt fejn bis-sahha tieghu ittrasferixxa l-fond in kwistjoni huwa kien qallu li f’dawk ic-cirkostanzi kien ser jkollu jibghatu tax-xjuh jew kien jippretendi kumpens minghandu. Jidher ghalhekk illi l-konjugi Rodo investew direttament din il-problema ghal hlas ta’ servigi.

H. Ma jidhirlux li f’din il-likwidazzjoni tas-servigi kellu jidhol u jitnaqqas ukoll l-ammont ta’ Lm114 li rrizulta li l-mejjet ta lill-konvenuti?

Risposta: Skond ma xehed l-attur fl-ahhar seduta (pagna 15 tax-xhieda dattilografata fol 72) missieru minn jeddu

darba kien qallu li l-ammont ta' LM114 li kien gieb meta nehha l-bhejjem kien mar ghand ohtu l-konvenuta. Mill-provi ma jirrizultax illi dan l-ammont ta' flus mar ghand il-konvenuta bhala kumpens ghas servigi pero` wiehed jista' facilment jipprezumi dan. Ghalkemm skond it-testment artikolu 5 ilkonvenuta giet ezentata mill-obbligu tal-kollazzjoni u kull xorta ta' imputazzjoni fic-cirkostanzi tal-kaz jihder illi jkun opportun illi dan l-ammont jitnaqqas mill-likwidazzjoni tas servigi.

I. Ma jidhirlux li polka ta' valur indeterminat ghandha tittiehed in konsiderazzjoni?

Risposta: Skond l-istima tal-espert nominat mill-Qorti Sergio Zampa li Iinsab a fol 219 tal-process il-Polka tad-deheb, li fil-mument meta miet Grazio Grech kienet u ghadha f'idejn Lawrence Rodo, kienet tiswa Lm164 70. Ma hemmx dubbju li din kienet tappartjeni lil Grazio Grech meta miet. Ghalqastant ikun opportun u gust illi din ghandha tittiehed in konsiderazzjoni.

J. Ma jidhirlux ghalhekk Ii l-likwidazzjoni u fissazzjoni tal-Iegittima trid issir wara Ii l-fondi jigu stmati?

Risposta: Dwar din id-domanda l-esponent umilment jitlob direzzjoni wara li jigi deciz minn din l-Onorabbli Qorti il-punt jekk iI-talbiet kif kontenuti fic-citazzjoni jwasslux ghal talba biex l-altturi biex tigi likwidata l-legittima spettanti lilhom skond il-ligi."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Louis Theuma vs Anthony Borg</u>** irriteniet illi:

"l-appellant jilmenta, u f'dan ghandu jinghata ragun, illi l-ewwel Qorti illimitat il-gudikat taghha ghal adozzjoni tar-rapport peritali li hi dikjarat li kienet accettabbli ghaliha taht kull aspett. F'okkazzjonijiet simili kien hemm gudikati ta' din il-Qorti fejn is-sentenza appellata tkun iddikjarata

nulla u l-atti rimessi lill-Ewwel Qorti in kwantu s-sentenza tkun tiddifetta mill-element essenzjali taghha, dik li taghti motivazzjoni xierqa ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti kellha kull dritt li taddotta rapport peritali li jkun sewwa investa t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut skond l-inkarigu moghti pero' tali adozzjoni kellha tkun wahda kritika fis-sens wiesgha tal-kelma u s-sentenza kellha allura taghmel accenn ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali u taghti raguni anke b'mod sintetiku ghaliex ciononostante l-Qorti kienet tal-fehma li tinkorpora l-qalba tar-relazzjoni bhala l-motivazzjoni tas-sentenza taghha, kif ghamlet il-Qorti f'dan il-kaz".
[Ara wkoll PA – LFS – 22/6/04 **Clive Simpson vs John Saliba noe et**].

In vista ta' dan il-Qorti ezaminat il-provi mressqa quddiem il-Perit Legali u kif ukoll ezaminat is-sottomissjonijiet imressqa mill-istess kontendenti.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi din il-Qorti rriflettiet fit-tul dwar dak li hemm fir-rapporti tal-Periti Legali Dr. Ciappara u Dr. Gauci Maistre u l-Perit Tekniku Montebello. Qrat l-istess process ripetutament izda kellha tikkonkludi li ma taqbilx mal-konkluzzjonijiet tal-Periti Legali. Infatti l-konkluzjonijiet milhuqa mill-erudit kompjant Dr. Ciappara ta' dan ir-rapport m'humiex kondivizi minn din il-Qorti kif presjeduta. Dr. Ciappara kien ikkonkluda tajjeb li l-qofol tal-kawza hu l-kuntratt ta' ***datio in solutum*** izda fil-fehma tal-Qorti zbaljat totalment ghall-evalwazzjoni tieghu. Wara li Dr. Ciappara evalwa x-xoghol siewi ta' kuri, assistenzi, servigi u alimenti ghal numru ta' snin mill-familja Rodo lil Grazio Grech, li certament ghaddew minn diversi sagrificcji biex ghamlu dan, u ghalhekk ikkonkluda li kienet haga naturali li Grazio Grech irid jaghti kumpens lil min sabu sejf u tarka tieghu ghal zmien twil u billi flus kontanti ma kellux ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur mal-familja Rodo. Dr. Ciappara stess fil-paragrafu 24 jikteb hekk "veru li l-konvenut Rodo in kontro ezami qal li ma kien hemm ebda self ta' flus bejnu u l-kunjatu izda l-esponent jidhirlu li d-debitu xorta wahda gie kostitwit …". Meta wiehed jaqra l-

kuntratt tat-18 ta' Jannar 1970 isib li Grazio Grech ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur versu Lawrence u Filomena konjugi Rodo fis-somma ta' Lm2,200 u in pagament parzjali ta' dan id-debitu Grazio Grech assenja lill-konjugi Rodo b'titolu ta' ***datio in solutum*** id-dar 125, Santa Domenica Street, Zabbar bil-prezz bonarjament konvenut ta' Lm1,200 liema somma giet pacuta u kumpensata ma' parti mis-somma ta' Lm2,200. Il-Qorti tista' tifhem li l-povru Grazio Grech li fit-tarf ta' hajtu spicca fil-kundizzjonijiet imsemmija hass l-obbligu morali li jikkumpensa lil min kien qieghed jiehu hsiebu. Il-Qorti tista' tifhem ukoll lill-erudit Dr. Ciappara li hass li ghandu jimxi max-xewqat ta' Grazio Grech u jaghti sahha lil dawk l-istess xewqat, izda l-Qorti thoss li l-formola legali maghzula hija wahda difettuza ghall-ahhar. Il-perit ma seta' qatt jikkonkludi li ma kienx hemm simulazzjoni meta fil-fatt kien hemm. Jinghad li ma kien hemm ebda ostakolu legali li jzomm lil Grazio Grech milli jippartecipa f'kuntratt li jghid li l-kawzali tad-***datio in solutum*** kienet dik tad-debitu li origina mis-servigi prestati u infatti ma hemm ebda ligi li tipprojbixxi t-trasferiment ta' immobbli bhala hlas ta' servigi rezi. Izda fil-fatt il-kuntratt ma jghidx dan u jghid affarijiet li qatt ma ezistew. Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jirrizulta a fol 65 tal-process fol 8 tad-dattilografat tal-verbali tas-seduti, tas-seduta tal-24 ta' Mejju 1976 fejn kien qed jixhed Lawrence Rodo, fejn jintqal:

"fil-kuntratt ma niftakarx kemm ammont gie indikat, pero` jidhirli li konna kkalkulajna l-ammont dovut fuq il-bazi ta' Lm1 kulljum.

Flus lill-kunjatu ma slifniehx."

Il-Qorti tirreferi ghat-talba (d) tac-citazzjoni:

"Tillikwida l-assi partikolari ta' Grazio Grech li gie dikjarat jikkonsistu fis-sentenzi li jirrizultaw b'dan li fl-istess likwidazzjoni jigi dikjarat u deciz li l-fond 125/126, Triq Santa Domenica, Zabbar kien u baqa' tal-istess Grazio Grech in kwantu l-kuntratt fl-atti tan-nutar Maurice Gambin tat-18 ta' Jannar 1970, li suppost ittrasferixxa dan il-fond lill-konvenuti Rodo kien kuntratt simulat bhala ***datio in solutum*** mentri kien fil-fatt donazzjoni projbita mil-ligi

minhabba l-eta` tal-istess Grazio Grech.” (Kliem sottolinejat minn din il-Qorti).

Jidher car ghalhekk li hemm it-talba ghad-dikjarazzjoni mill-Qorti li dak il-kuntratt kien wiehed simulat, ma’ liema talba din il-Qorti taqbel u tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti li semmew li ma kien hemm ebda simulazzjoni tal-kuntratt kif premess.

Fl-ahharnett ***obiter*** il-Qorti ma tistax hlief tirrimarka wkoll dwar id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta (Onor. Imh. Carmelo Scicluna) tat-13 ta’ Marzu, 1986 li hasset li ghandha taghti d-direttivi fl-imsemmi digriet. Li wiehed jista’ jifhem hu li din il-Qorti diversament presjeduta wkoll kellha r-riservi taghha fuq ir-rapport legali. Ghalhekk tiddikjara l-kuntratt tat-18 ta’ Jannar 1970 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin bhala wiehed simulat. Tordna l-komunika lill-Arkivist u lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmlu n-nota necessarja ghal dan l-iskop u tordna lir-Registratur tal-Qorti jibghat kopja ta’ din is-sentenza lilhom wara li din is-sentenza ssir finali.

Peress li ghalhekk il-kawza hadet din l-izvolta thoss li huwa gust li taghti terminu zghir ta’ riflessjoni lill-partijiet u fi kwalunkwe kaz peress li hu necessarju li l-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet qosra fuq it-talbiet u eccezzjonijiet l-ohra in vista ta’ din id-decizjoni kif ukoll li jindikaw liema assi kienu parafernali jew konjugali u minn xiex dan jirrizulta, il-Qorti taghti lill-konsulenti legali ghal dan l-iskop sal-14 ta’ Mejju 2007, bil-visto jew notifika tal-kontro parti.

Tiddiferixxi l-kawza ghat-trattazzjoni finali fuq il-bqija tal-eccezzjonijiet u t-talbiet ghat-3 ta’ Lulju 2007 fid-9.30 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------